# IL-HIDMA GHALL-PACI

*Studju Soċjoloġiku ta'* Godfrey Zarb Adami

META niflu l-istorja ta' kull kustjoni li qatt tqanqlet fid-dinja nsibu li l-aktar waħda li tnikkitna hi dik dwar il-Paċi. Il-bnedmin għadhom qatt ma gawdew paċi dejjiema, u kull żmien ta' paċi kien meqjus minnhom bħala intervall bejn taqtigħa u oħra, jiġifieri dik il-kondizzjoni, ta' ftit snin, li fiha jkun igħix il-bniedem meta ma jkunx qiegħed jitqabad kontra bnedmin oħra. Għalkemm minn bosta snin 'l hawn ħafna mexxejja politiċi, filosofi u nies oħra għorrief ippruvaw iwaqqfu s-saltna tal-Paċi fuq sistema ta' liġijiet internazzjonali, l-isforzi tagħhom qatt ma kisbu għal kollox il-frott mistenni.

L-hekk imsejħa "Pax Romana" ma kenitx għajr dak ix-xorta ta' sliem sfurzat li kien jeżisti fl-Imperu Ruman meta dan kien maħkum minn setgħa waħdanija. Fis-sistema fewdali nsibu ħjiel ta' għaqda bejn in-nies tal-klassijiet differenti, iżda l-klassijiet in-nifishom, baqgħu dejjem mifruda minn xulxin, u fuq kollox l-għan ewlieni tal-Fewdaliżmu kien li jkabbar il-ħila tal-uħud fil-ġlied — għan li fl-aħħar mill-aħħar ma setax jisfa' ħlief fi gwerer. F'xi xejriet tiegħu, l-Imperu Qaddis Ruman sewa sabiex is-saltna tal-Paċi ma tkunx maħnuqa għal kollox; iżda l-istess bħall-kostituzzjoni tal-Isvizzera u dik tal-Imperu Ġermaniż, l-għan ewlieni tiegħu ma kienx li jorganizza l-Paċi, imma biss li jnaqqas l-okkażżjonijiet tat-twegħir u l-ġlied bejniet il-ġnus li minnhom kien imsawwar. Is-sistema magħrufa bħala l-"Bilanċ tas-Setgħa" twaqqfet bil-ħsieb li permezz tal-gwerer u t-trattati li jsiru wara li dawn jintemmu, ebda nazzjon, jew għaqda ta' nazzjonijiet, ma tkun hekk qawwija li thedded il-ħelsien tal-oħrajn; b'daqshekk issoktaw tnaqqsu l-okkażżjonijiet ta' ġlied bejn poplu u ieħor. Din is-sistema kienet it-tmiem ta' fażi u l-bidu ta' fażi ġdida fl-esperimenti li l-bniedem għamel biex il-Paċi tibqa' sseħħ.

Il-karriera ta' Napuljun intemmet bil-Kongress ta' Vjenna; iżda d-deċiżżjonijiet li ħadu l-mexxejja politiċi meta ltaqgħu fl-1814-15, fil-belt kapitali ta' l-Imperu Awstrijak, kienu żerriegħa li meta nibtet fl-Ewropa ħareġ minnha frott ta' demm. Sa mill-bidu tar-Rivoluzzjoni Franċiża, fl-1789, eluf ta' bnedmin taw ħajjithom sabiex tinqata' l-kustjoni jekk is-setgħa tas-slaten kenitx ġejja minn Alla b'mod li d-destin tas-sudditi tagħhom ikun għal kollox f'idejhom, u jekk kellhiex titħalliel-

hom is-setgħa li jagħmlu li jridu u li jogħġobhom. L-interess ewlieni ta' dawk li ħadu sehem fil-Kongress ta' Vjenna kien li **jikkastigaw** lil **Napuljun** u l-Franċiżi, u jekk jista' jkun jerġgħu jwaqqfu fl-Ewropa s-sistema li kienet sfat meqruda. Infatti għaddew tletin sena sħaħ wara l-waqgħa ta' Napuljun qabel ma nstab tarf il-kustjoni tas-setgħa divina tas-slaten. Minn dak iż-żmien 'l hawn fid-dinja bdiet titwettaq bidla kbira — bidla li Lord Palmerston fisser tajjeb ħafna fis-sena 1849, meta l-President tad-"Deuxieme Republique" ried isejjaħ kongress tannazzjonijiet ta' l-Ewropa. "L-Ewropa", qal Palmerston, "rat bidla kbira minn dawk il-jiem li fihom kienu jiltaqgħu l-kongressi l-kbar. Dak iż-żmien il-popli, għalkemm magħqudin f'nazzjonijiet, ma kellhomx setgħa jsemmu leħenhom; is-Slaten kienu joqogħdu għad-deċiżżjonijiet li huma kienu jieħdu bejniethom, u b'dak il-mod kelmthom malajr kienet tikseb il-qawwa ta' liġi. Imma daż-żmien is-setgħa tas-slaten sfat kważi fixxejn, u ebda nazzjon ma tmejjel rasha minn rajha għar-rieda ta' pajjiżi oħra, u ċċedi biss quddiem il-forza."

Iżda dak li basar Palmerston ma seħħx għal kollox: f'dawn l-aħħar mitt sena l-poplu Ġermaniż daħal f'żewġ gwerer għax laqa' l-ordnijiet mogħtija lilu mill-barranin. Fl-istess żmien, imbagħad, il-Franċiżi ma baqgħux iqisu ruħhom bħala poplu mnexxi f'kollox mis-Sultan tiegħu, u l-fehmiet tagħhom ħadu xejra nazzjonali. Għalkemm Ġorġ III ta' l-Ingilterra kien issultan l-inqas assolut ta' żmienu, hu mill-ewwel wera xewqa li ma jsirx tibdil kbir fis-saltna tiegħu. Iżda meta miet, sittin sena wara li tela' fuq t-tron, għama u kważi miġnun, fl-Ingilterra kienet twettqet bidla wisq akbar minn kull bidla li qatt saret f'sittin sena oħra fl-istorja ta' dik l-art.

Kien sewwa sew f'dan iż-żmien ta' tibdil li reġgħu ltaqgħu r-rappreżentanti ta' bosta nazzjonijiet bil-ħsieb li jippruvaw jiżguraw il-paċi tad-dinja permezz ta' ftehim internazzjonali. L-ewwel laqgħa għall-paċi ssejħet fl-1899 u fiha ħadu sehem ir-rappreżentanti ta' 25 nazzjon; fl-1907 issejħet laqgħa oħra, li fiha kienu rappreżentati 44 nazzjon differenti. Iżda fl-1914 kull ftehim li kien sar sa dak inhar ma setax jibqa' jseħħ aktar, mhux biss għax il-Kaiser kien iqis u jġib ruħu bħala maħtur minn Alla biex ikun Sultan assolut tal-poplu Ġermaniż, l-istess bħalma fl-imgħoddi kienu misserijietu, iżda wisq u wisq aktar għaliex miljuni kbar ta' Ġermaniżi kienu jaqblu mal-fehma tas-Sultan tagħhom u kienu jilqgħu kull kelma tiegħu qisha ġejja

minn Alla n-nifsu.

Meta l-Imperaturi tal-Ġermanja u ta' l-Awstrija sefgħu megħluba u tturufnati minn pajjiżhom, bosta nies ħasbu li epoka ġdida kienet bdiet fl-istorja tal-poplu Ġermaniż. Fi kliem wieħed kittieb ta' l-istorja, tmiem il-gwerra kien meqjus bħala "......l-għelm tal-qerda ta' simboliżmu qadim li għamel żmienu u miet; tat-tixjin ta' kull ambizzjoni dinastika; tal-ħelsien mit-twegħir tad-diplomazija...... Il-bnedmin bdew jemmnu wkoll li fl-aħħar kien irnexxielhom jeqirdu t-theddida Ġermaniża ta' jasar u li kien beda jżernaq il-jum li fih il-ħelsien, l-ugwaljanza u l-imħabba bejn kulħadd kienu bdew isaltnu." Imma artiklu li deher fit-"Times" ta' Londra, fl-1918, ifissrilna forsi ftit aħjar x'kienet il-qagħda tad-dinja dak iż-żmien. Il-kittieb basar li kienet "sejra tibda tiżviluppa ruħha bil-qajl il-qajl sistema internazzjonali ta' ħaqq...... sistema li biex tixħet l-għeruq u ma tinqeridx trid tkun mirfuda mill-forzi ta' l-armi"; u mbagħad issokta jgħid li "l-Għaqda tan-Nazzjoniijet mhix għajr esperiment li jirnexxi jew le skond ir-riżultat li jagħti."

Fl-ewwel snin ta' wara l-gwerra l-oħra l-bnedmin bdew jifhmu xi tfisser il-Paċi hekk mixtieqa minn kulħadd, iżda kienu għadhom ma sabux mezz biex jiżguraw li ebda nazzjon ma terġa' tqanqal il-ġlied. "Il-Paċi", qalet f'artiklu ieħor it-'Times', "hi xejra psikoloġika li ebda liġi ma tista' toħloq, imma li tista' biss tieħu l-ħajja permezz ta' bidla f'ċerti ħsibijiet u drawwiet tal-bniedem, li s'issa ħakmuh b'mod hekk qawwi, li jistgħu jitqiesu bħala t-tieni natura tiegħu". Ħamsa u għoxrin sena wara, fl-eqqel tal-ġlieda kontra l-qawwiet tal-Ġermanja, li reġgħu ppruvaw għat-tieni darba jassru lid-dinja, in-"New York Herald Tribune" tenniet l-istess prinċipju: "Nuru nuqqas kbir ta' għaqal u deħen jekk jidhrilna li l-passi li jistgħu jieħdu l-Allijati, sew fi żmien il-gwerra, sew minnufih wara li tispiċċa, ikunu waħedhom biżżejjed biex iħollu l-problema Ġermaniża..... Fi kliem ieħor, ma jkunx biżżejjed li l-Ġermanja ċċedi bla pattijiet u tilqa' l-kondizzjonijiet Allijati għall-Paċi; għandna nfittxu fuq kollox li ssir taqliba ta' taħt fuq fil-filosofija, l-idijali u l-ħajja ta' dik in-nazzjon."

Dawn iż-żewġ stqarrijiet huma mibnija fuq l-istess prinċipju: biex il-Paċi tibqa' sseħħ, mhux biss jeħtieġ li hi tkun mirfuda mill-forza ta' l-armi, iżda qabel xejn jeħtieġ li titwettaq bidla mill-qiegħ f'bosta mix-xejriet tal-ħajja, li tbiegħdu, inżidu ngħidu aħna, mill-idijal nisrani. Jekk l-imħabba u l-karità, kif

għallem Kristu ma' l-elfejn sena ilu, u fissru minn żmien għall-ieħor il-Vigarji tiegħu fuq l-art, ma jkunux is-sisien li fuqhom tinbena mhux biss il-pulitika ta' kull nazzjon, iżda wkoll il-ħajja tal-popli, il-Paċi tibqa' idijal mixtieq, imma qatt milħuq. Il-Paċi jiksbuha biss il-bnedmin ta' rieda tajba, imma fil-milja tas-snin, dawn kienu dejjem il-ftit u qatt il-kotra bostana; ir-rgħiba u l-ħżiena dejjem sebqu lill-ħanina u lit-twajba u għalhekk id-dinja qatt ma setgħet issib is-sliem. Din hija sewwa sew l-ewwel bidla li trid titwettaq, il-gwerra morali li trid tintrebaħ l-ewwelnett; imma jaħasra, dan hu li qatt għadu ma ġara. Iżda issa l-ġnus donnhom bdew jintebħu li ma jistgħux igħaddu mingħajr it-tagħlim ta' Kristu u minn dan il-fattur titnissel it-tama tagħna għaż-żmien ġejjieni.

Meta nġibu quddiem għajnejna n-naħa aktar materjali tal-kustjoni, kif żviluppat ruħha f'dawn l-aħħar tletin sena, insibu li dik ix-xorta ta' paċi li bdiet isseħħ wara tmiem il-gwerra l-oħra ma dametx bosta snin ma sabet ruħha f'qagħda tassew dgħajfa. Għalkemm fl-1925, it-"Times" ta' Londra marret tgħid hekk fuq il-Patt ta' Lokarno: "......Fl-aħħar reġa' beda jbexx id-dawl ta' jum ġdid...... in-nazzjonijiet li ħadu l-ikbar sehem fil-gwerra taw kelmithom u ntrabtu bejniethom li jżommu l-Paċi; huma wiegħdu wkoll li jqisu dan il-ftehim bħala kustjoni li minnha jiddependi l-ġieħ tagħhom", b'danakollu, seba' snin wara, il-poplu Ġermaniż ħatar dinastija oħra ġdida u waqqaf f'pajjiżu dik ix-xorta ta' dittatura li fuqha kien tkellem Palmerston: il-Ġermaniżi ħasbu li b'hekk kien ser jirnexxilhom jaħkmu lill-Ewropa u lid-dinja. Adolf Hitler qiegħed lilu n-nifsu, iżda bir-rieda tal-maġġoranza l-kbira tal-poplu Ġermaniż, fl-istess qagħda li kien fiha l-Kaiser qabel l-1914, u b'hekk il-ġieħ tan-nazzjonijiet, imsejjes fuq il-kelma mogħtija fil xulxin, kellu jibda jitqies bħala ħaġa mejta. Xi nazzjonijiet bdew issa jqisu l-interessi nazzjonali u imperjalistiċi tagħhom aqwa minn dawk internazzjonali, u ħtija t'hekk, il-paċi ma baqgħetx mirfuda mill-forza ta' l-armi — is-sanzjonijiet militari — li ma kinux applikati, la meta l-Ġappun attakka lill-Manċurja, u l-anqas meta Mussolini xeħet l-għajnejn rgħiba tiegħu fuq l-Abbissinja. Bħala riżultat ta' dan l-egojiżmu, meta l-Paċi kienet imhedda sewwa fl-1939, hi ġġarfet u reġgħet tqanqlet gwerra oħra internazzjonali.

L-għadd ta' esperimenti li saru sabiex tinsab sistema ta' paċi dejjiema hu kbir ħafna, iżda ebda wieħed ma rnexxa.

B'dana kollu l-bniedem ma qatax qalbu; infatti fl-istorja mħawda tal-ġnus, qatt qabel, fi żmien ta' taqbid, ma saret ħidma għall-Paċi hekk imħeġġa daqs kemm ma' tul din it-tieni gwerra kbira. Il-Papa ħa l-ewwel pass meta lejlet il-Milied tal-1939, f'allokuzzjoni lill-Kulleġġ tal-Kardinali, hu xandar il-Ħames Punti għall-Paċi. Il-President ta' l-Istati Magħqudin ta' l-Amerika, u l-Prim Ministru ta' l-Ingilterra, fl-14 ta' Awissu, 1941, xandru l-Karta ta' l-Atlantiku li kienu sawru bejniethom; fil-Ftehim ta' Washington (2. 1. 42), il-prinċipji tal-Karta ta' l-Atlantiku kienu milqugħa mill-Imperu Ingliż, ir-Russja, iċ-Ċina u sbatax-il nazzjon oħra (b'kollox 26 waħda) u minn dak iż-żmien 'l hawn żdiedu magħhom 11-il nazzjon oħra, l-aħħar waħda fosthom l-Italja fl-24 ta' Mejju ta' dis-sena; l-Allijati l-kbar, jiġifieri l-Istati Magħqudin ta' l-Amerika, l-Ingilterra, ir-Russja u ċ-Ċina fil-Konferenza ta' Moskow (6. 11. 43), ġeddu l-wegħda tagħhom li jimxu fuq dawk il-prinċipji, u ftit jiem wara, Roosevelt, Churchill u Stalin wettquhom mill-ġdid meta ltaqgħu f'Teheran (1. 12. 43); u l-istess sentimenti ta' tama u ħelsien kienu mfissrin fil-15 ta' Mejju li għadda mill-Primi Ministri ta' l-Ingilterra u d-Dominji Ingliżi. Il-Ġermaniżi wkoll sawru l-pjan tagħhom magħruf bħala l-Ordni l-Ġdid, li fuqu beħsiebhom jibnu l-'Pax Germanica'.

Ftit tat-tixbih bejn il-Punti tal-Papa u l-prinċipji mfissra fil-Karta ta' l-Atlantiku (mogħtija hawn taħt fil-ɢosor) jurina kemm jaqblu bejniethom :—

| *Il-Ħames Punti tal-Papa.* | *Il-Karta ta' l-Atlantiku.* |
|---|---|
| 1. In-nazzjonijiet kollha, kbar u żgħar, qawwija u dgħajfa, għandhom il-jedd għall-eżistenza u l-indipendenza. "Ir-rieda għall-ħajja ta' nazzjon ma għandhiex tfisser sentenza ta' mewt għal oħra". Meta dan il-jedd jisfa' miksur, il-ħlas, bi tpattija, għandu jkun skond il-ħaqq. | 1. Iż-żewġ nazzjonijiet (l-Istati Magħqudin ta' l-Amerika u l-Ingilterra) ma għandhom ebda ħsieb li jfittxu t-tkabbir tagħhom in-nifishom, la f'dak li għandu x'jaqsam ma' kustjonijiet territorjali u lanqas ma' kull xorta ta' kustjoni oħra. |
| 2. In-nazzjonijiet m'għandhomx jidħlu fil-pika min minnhom jibni armamenti l-aktar; il-Paċi għandha tkun mibnija fuq diżarmu organiku u progressiv, sew fl-ordni spiritwali, kemm fl-ordni prattiku. | 2. Huma ma jixtequx li jsir ebda tibdil territorjali li ma jkunx jaqbel max-xewqa ċara ta' dawk il-popli li dwarhom ikun ser isir it-tibdil. |
| | 3. Huma jqimu l-jedd ta' kull poplu li jagħżel hu stess l-għamla tal-gvern ta' pajjiżu; huma jixtiequ wkoll li jingħataw lura l- |

3. It-tiġrib ta' l-imgħoddi għandu jservi ta' tagħlima fit-twaqqif mill-ġdid ta' istituzzjonijiet internazzjonali. It-twaqqif ta' istituzzjonijiet ġuridiċi biex jieħdu ħsieb it-twettiq ta' kull ftehim bejn in-nazzjonijiet—jiflħuh u jsawwruh mill-ġdid jekk ikun meħtieġ—hu ta' importanza deċiżiva biex isir trattat tal-paċi bil-għieħ, u sabiex fiż-żmien ġejjieni ma jkun hemm ebda nazzjon li tikser minn rajha dak il-ftehim.

4. Jeħtieġ li tingħata attenzjoni kbira lill-ħtiġiet u t-talbiet tan-nazzjonijiet u l-popli u b'mod partikolari lil dawk tal-minoranzi. Dawn it-talbiet għandhom ikunu mistħarrġa bi spirtu ta' ħbiberija sabiex ikunu jistgħu jiġu milqugħa saħansitra meta ma jkunux imsejsin fuq ftehim legali; huma għandhom ikunu milqugħa b'mod li ma jqanqalx ġlied; u jekk ikun meħtieġ ukoll billi ssir reviżżjoni tat trattati.

5. L-mexxejja u l-popli għandhom isawru fihom in-nifishom sens qawwi tal-ħaqq morali, li hu biss jagħti l-ħajja lil kull ftehim internazzjonali; jeħtieġ li kull liġi magħmula mill-bniedem tkun mibnija fuq il-prinċipji invjolabbli tal-Liġi t'Alla.

jeddijiet sovrani u l-awtonomija lil dawk li sefgħu mċaħħda minnhom.

4. Huma jippruvaw, iżda b'mod li ma jiksrux l-obbligazzjonijiet tagħhom, isibu mezz sabiex l-istati kollha, kbar u żgħar, rebbieħa u megħluba, ikunu jistgħu jieħdu sehem, fuq kondizzjonijiet xorta waħda għall-koll, fil-kummerċ, u mill-materji tad-dinja—li jkunu meħtieġa għar-rizq ekonomiku tagħhom.

5. Huma jixtiequ li fil-kamp ekonomiku l-pajjiżi kollha jaħdmu kemm jista' jkun id f'id, hekk li jiżguraw għal kulħadd livell aħjar fil-kustjoni tax-xogħol, progress ekonomiku u sħuħija soċjali.

6. Huma jittamaw li wara l-qerda tat-tirannija Nażi titwaqqaf Paċi li permezz tagħha n-nazzjonijiet kollha igħixu bis-sliem ġewwa mill-fruntieri tagħhom, u li tiżgura lil kull bniedem il-ħlusija mill-biża' u l-bżonn.

7. Permezz ta' din il-Paċi l-bnedmin kollha jkunu jistgħu jaqsmu l-ibħra u l-oċejani bla tfixkil minn ħadd.

8. Huma jidhrilhom li, sew għal raġunijiet rijalistiċi, kemm għal raġunijiet spiritwali, in-nazzjonijiet kollha ma għandhomx jibqgħu jagħmlu użu mill-forza. Iżda ebda paċi ma tista' sseħħ jekk ikun hawn xi nazzjonijiet li jheddu, jew jistgħu jheddu, aggressioni barra mill-fruntieri tagħhom billi jinqdew bl-armamenti ta' l-art, ta' l-ajru u l-baħar; għalhekk huma tal-fehma li d-diżarmu ta' dawn in-nazzjonijiet hi ħaġa essenzjali, għallinqas sakemm titwaqqaf sistema akbar u dejjiema ta' sħuħija ġenerali. Huma jinsabu mhejjija jagħmlu kull sforz prattiku sabiex jitnaqqas il-piż ta' l-armamenti minn fuq spallejn il-popli li jħobbu l-Paċi.

Iżda l-'Pax Germanica' li tibda ssaltan fl-Ordni l-Ġdid li jixtiequ jibnu n-Nażi lanqas ma taqbel biss mal-Pax Romana li fuqha tkellimna fil-bidu nett; u d-divrenza hi fundamentali. Fiż-żmien l-Imperu Ruman wieħed kellu ċans li jsir 'Civis Romanus' u jgawdi l-jeddijiet kollha ta' wlied Ruma; iżda s-sistema Nażi hi mibnija fuq il-prinċipju tal-'Herrenvolk' jew ġens sid il-ġnus l-oħra kollha. Li qatt ma jistgħu jilħqu daqsu, jaqsmu miegħu ndaqs l-għana tad-dinja jew igawdu l-istess jeddijiet morali, billi fil-vini tagħhom ma jiġrix id-demm nordiku. Huwa sewwa sew kontra din it-theddida ta' jasar li n-Nazzjonijiet Magħquda qegħdin jitqabdu.

Ma' tul il-gwerra kollha l-Papa baqa' dejjem iwissi lill-bnedmin kif għandhom iġibu ruħhom u jweddibhom ukoll; ir-rappreżentanti tan-Nazzjonijiet Magħquda lanqas ma naqsu li jagħmlu kemm l-istqarrija dwar il-problemi ta' wara l-gwerra—fosthom ta' min isemmi dik tad-9 ta' April, 1944, minn Cordell Hull, is-Segretarju Amerikan ta' l-Istat, li mliena bit-tama għaż-żmien ġejjieni billi tagħtina x'nifhmu li l-poplu Amerikan qed, kull ma jmur, jidbiegħed dejjem aktar mill-politika isolazzjonista, li ħtija tagħha l-pjan ta' Wilson kien qala' daqqa tal-mewt malli beda biex jitwettaq. L-offensiva ta' l-Allijati kontra l-mard, il-ġuħ, il-qerda morali u materjali li n-Nażi nisslu fl-Ewropa mhix titwettaq b'rieda aktar dgħajfa minn dik li qed tintwera fl-offensiva militari. Huma ġa qegħdin iħejju riformi soċjali u ekonomiċi ta' kobor bla qies, u qegħdin jistħarrġu l-mezz kif jistgħu jkunu applikati s-sanzjonijiet militari kontra min ihedded il-Paċi. Huma qegħdin iħejju dinja ġdida li fiha l-Paċi tkun taħkem Sultana tal-ħlejjaq. Dan ser ikun l-ikbar esperiment mindu ilha wieqfa d-dinja u r-riżultat tiegħu ser jiddependi mhux biss mir-rieda tajba tal-mexxejja tagħna, iżda fuq kollox mir-rieda tajba ta' kull wieħed u waħda minna.